# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: pr152881, Press Release Issue Date: Dec 18, 2015

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li l-prodott hawn taħt imsemmi m'għandux jiġi kkonsmat minn persuni allerġiċi għall-karawett minħabba l-possibiltà li fih traċċi ta' karawett, li m'huwiex iddikjarat fuq it-tikketta.

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-Prodott: | Mince Pies |
| Ditta: | St Catherine Bakers and Caterers |
| Deskrizzjoni tal-maħfen: | Tilari tal-kartun imgeżwer fil-plastik |
| Oriġini: | Malta |
| Numru tal-Lott: | 0004 |
| Data tad-Durabbilta` minima: | Aħjar qabel : 25/12 |

Il-Kumpanija involuta ġiet obbligata żżid tikketta li tindika li l-prodott fih traċċi ta' karawett, iżda peress li probabilment il-prodott laħaq wasal għand il-konsumatur, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar, jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook jew is-sit uffiċjali għal informazzjoni simili:

https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate- Malta/145027878928626?ref=hl

https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx